Laqgħa Nru. R10/11

**Minuti tal-għaxar laqgħa li saret il-Ħamis 27 ta' Lulju 2011.**

Il-Kumitat Reġjonali Itaqa' fl-10.00 am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Carmelo Saliba, Philip Vella, Joe Cordina, Miriam Portelli u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalgħet it-talba. Il-minuti tal-laqgħa numru 9 illi saret nhar it-23 ta' Ġunju 2011 intbgħatu qabel u kien hemm qbil unanimu. Saru xi punti mill-minuti.

Rigward minuta 1.1 il-President saqsa jekk id-dipartiment approvax il-proposta dwar l-istemma tar-Reġjun. Is-segretarju informa illi s'issa għadu ma irċieva l-ebda risposta.

Rigward minuta 1.9 is-segretarju qal illi wara li saret reviżjoni tal-co-financing minn naħa tas-Segretarjat Parlamentari għal konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku, sitt Kunsilli Lokali ser jipparteċipaw fil-Programme Life+. Il-Kunsilli Lokali tar-Rabat, Nadur, Xagħra, Xewkija, Għarb u l-Qala ser jipparteċipaw. Ir-Reġjun ser ikun il-*lead coordinator,* però mhux ser ikollu parti mill-*co-financing* tal-proġett.

1. **Korrispondenza**

1.1 Mingħand Maurice Caruana fejn informa illi s-Segretarjat Parlamentari Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu ordna li l-1 ta' Settembru 2011 għandha tkun id-data ta' meta tidħol fis-seħħ id-delega tal-infurzar lokali.

1.2 Mingħand Aldo Formosa dwar il-possibilta illi r-Reġjun Għawdex u Kunsilli Lokali japplikaw għal proġett Life+.

**2. Riforma tat-Trasport Pubbliku ġewwa Għawdex**

2.1 Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar din ir-riforma tat-trasport pubbliku f'Għawdex. Il-kummenti ġenerali kienu pożittivi pero għad hemm xi rotot li fl-opinjoni tal-membri jridu jiġu modifikati. Dan b'mod partikolari fil-lokalita' t' Għajnsielem kif ukoll fil-lokalita' tax-Xewkija. Il-President nforma illi r-rotot ser jiġu mibdula sabiex jgħaddu miċ-ċentru tal-lokalitajiet insemmija. Saru diversi kummenti fil-konfront ta' tabelli li twaħħlu f'postijiet ħżiena. Sar appell ukoll sabiex ir-rotot li jitilqgħu mill-bajjiet fis-sajf aktar tard. Joseph Sultana (membru) issuġerixxa illi l-aħħar karozza tat-trasport pubbliku għandha titlaq mix-Xlendi u Marsalforn fin-12.30 am. Is-segretarju ġie nkarigat sabiex f'isem ir-Reġjun jagħmel dan is-suġġeriment lill-Arriva.

**3. Kommemorazzjoni Jum Għawdex**

3.1 Il-President ta rapport qasir dwar x'ġie diskuss fis-sotto kumitat għal iżvilupp politiku reġjonali ġewwa Għawdex. F'wieħed mill-punti illi tqajjmu f'din il-laqgħa ssemmiet l-kommemorazzjoni ta' Jum Għawdex fejn għandha tittieħed l-okażżjoni sabiex jiġi mħabbar

b'mod uffiċjali r-Reġjun t' Għawdex. Għal dan il-għan il-President ippropona illi jinħatar sotto kumitat sabiex jieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' din l-attivita'. Miriam Portelli, Joe Grima, Saviour Borg u Frans Cauchi ġew maħtura bħala membri fi ħdan dan is-sotto kumitat. Is-segretarju ġie nkarigat illi jsejjaħ l-ewwel laqgħa flimkien mac-*Circolo Gozitano* peress illi hija l-entità li soltu torganizza dan l-avveniment.

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

4.1 Il-pagamenti fl-iskeda no. 6 annessa ma dawn il-minuti ġew approvati.

**5. Materji Oħra**

5.1 Il-Kumitat Reġjonali ddiskuta t-transizzjoni tal-infurzar lokali mill-kumitat konġunt għar-Reġjun. Il-President stqarr illi fuq struzzjonijiet tad-dipartiment l-imjegati eżistenti li jaħdmu fit-tribunali mal-kumitati konġunti għandhom jiġu assorbiti mar-Reġjuni. Is-Sur Carmel Saliba (membru) stqarr illi hu għandu konflitt t' interess f'din il-materja u ntalab iħalli l-kamra. Fil-każ tat-Tribunal ta' Għawdex, l-impjegati mhumiex impjegati tal-kumitat konġunt imma huma mpjegati ta' kumpanija privata li għandha kuntratt mal-Kumitat Konġunt. F'dan il-każ il-President ppropona illi r-Reġjun jikteb lid-dipartiment sabiex dawn l-impjegati jiġu assorbiti mar-Reġjun. Il-membri kollha qablu ma din il-proposta. Wara li din id-diskussjoni ntemmet is-Sur Carmel Saliba (membru) reġa' saħal sabiex ikompli jipparteċipa fil-laqgħa.

5.2 Is-Segretarju ta' rapport dwar l-andament tal-proċess kuntratwali tal-Provissta tas-servizzi tal-Gwardjani Lokali. Huwa informa illi wara d-deċiżjoni tal-Bord tal-appelli, l-Bord tal-aġġudikazzjoni kompla bil-proċess. Nhar il-Erbgħa 26 ta' Lulju nfetaħ il-pakkett finanzjarju tal-offerta illi kwalifikat. Preżenti għal ftuħ kien hemm Dr Samuel Azzopardi (Chairman), David Soler (membru), Ian Paul Bajada (Segretarju) u Joseph Sultana (membru Kumitat Reġjonali). Kien hemm ukoll Mr Martin Azzopardi bħala rappreżentant tal-Guard and Warden Services House Ltd. Ic-Chairman inkariga lis-Sur David Soler sabiex iħejji rapport li jikkompara l-prezzijiet tal-kuntratt eżistenti mal-prezzijiet illi ntefgħu fl-offerta l-ġdida. Dan ir-rapport ġie preżentat f'din il-laqgħa. Kopja ta' dan ir-rapport huwa anness ma' dawn il-minuti. Wara illi ġew eżaminati l-prezzijiet mill-membri preżenti, unanimament ġie deċiż illi m'għandhomx jiġu aċċettati dawn il-prezzijiet. Is-segretarju informa illi hu kiteb lid-dipartiment tal-kuntratti rigward possibilita illi jiġu trattati l-prezzijiet bil-għan illi jkun hemm discount. Is-segretarju ġie nkarigat ukoll sabiex jikteb lis-Sur Maurice Caruana (Chairman Management Committee) u jitlob direzzjoni f'dan ir-rigward.

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss, il-laqgħa ntemmet f'11.45 am.

Samuel Azzopardi
President
Reġjun Għawdex

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv